# Santa Tereża ta' Ġesù

## *Il-kontemplazzjoni fl-ewwel nofs tal-Kastell Interjuri*

**minn P. Glen Attard, O.Carm.**

Meqjus minn ħafna bħala l-kapulavur tal-qaddisa, il-*Kastell Interjuri*, imsejjaħ ukoll l-*Għamajjar*, inkiteb fl-1577, ġewwa l-belt ta' Toledo, ħames snin biss qabel mewtha. Mimlija għomor u esperjenza fl-inżul u t-tlajja' tal-ħajja spiritwali, il-qaddisa kważi kważi bla ebda sforz tirrakkonta l-istorja tal-vjaġġ spiritwali - aktar milli toffri metodu ta' talb - li aħna lkoll mistednin nipparteċipaw magħha fih.

Il-qaddisa tgħidilna li r-ruħ hija bħal kastell magħmul minn djamant jew kristall fin li fih hemm seba' għamajjar u li fihom ir-ruħ, hi u miexja dejjem iżjed lejn iċ-ċentru, titneżża' iżjed minnha nnfisha, tissaffa biex tiltaqa' mal-Għarus li jistennieha fis-sigriet fil-kamra nuzjali. Il-messaġġ tal-ktieb huwa wieħed essenzjali, Alla huwa ħaj għax huwa ħaj fina. Filwaqt li jinsab kullimkien, għax "fih aħna lkoll ngħixu, nitħarrku, u aħna" (Atti 17:28), huwa fil-fatt permezz tal-preżenza tiegħu fina li nistgħu nieħdu l-ewwel pass biex inwieġbu lill-Għarus. Din il-preżenza t'Alla fina mhijiex waħda impulsanti, lanqas hija waħda simbolika, attaparsi, jew għax hekk iġġib il-kelma. Alla jinsab verament fina bl-Ispirtu divin tiegħu għax dakinhar tal-magħmudija lkoll rċevejna indaqs il-grazzja tal-adozzjoni, aħna sirna lkoll ulied l-istess Missier, aħwa ta' Ġesù, u tempji tal-Ispirtu s-Santu.

Tajjeb li qabel jibda l-vjaġġ, wieħed iżomm quddiem għajnejh x'hemm jistennieh fl-aħħar. It-trasformazzjoni tal-ħajja tagħna f'dik ta' Alla tagħmel li dawn it-tbatijiet ta' issa jieħdu sens ieħor u dimensjoni akbar. X'inhi t-tbatija ta' din il-ħajja ħdejn il-glorja li hemm tistenniena fil-ħajja li ġejja fejn għad ingawdu għal dejjem lil Alla wiċċ inbwiċċ?

Għaldaqstant, qabel biss nistgħu nidħlu fina nfusna biex niltaqgħu mal-Għarus, il-qaddisa tavżana li jeħtieġ li nuru x-xewqa ġenwina li nitolbu, mhux importanti jekk hux mentali jew bil-fomm, basta t-talb ikun "ikkunsidrat" (1Għ 1:7), jiġifieri, maħsub, irpużat, ħiereġ b'mod naturali minn dak li nkunu qed ngħixu, u li jħalli effett ġenwin fuq il-ħajja tagħna ta' kuljum. Dan speċjalment fid-dawl ta' kif it-talb jevolvi minn għamara għal oħra: mit-talb tal-fomm għall-meditazzjoni, mill-ħarsa fissa għall-għajxien fil-preżenza t'Alla, mill-kwiet interjuri għall-unjoni, mill-preżenza t'Alla fir-ruħ tagħna għall-feriti u l-uġigħ ta' mħabba, mix-xewqa għall-eternità għall-kontemplazzjoni perfetta. It-talb biss huwa l-bieb li bih nistgħu nidħlu fil-kastell u b'hekk nissoktaw f'dan il-vjaġġ tar-ruħ (1Għ 1:7). Flimkien mar-radd il-ħajr lil Alla għall-ħniena kbira tiegħu magħna midinbin, it-tieni frott importanti li jagħtina t-talb huwa imħabba dejjem akbar għall-Ġmiel ta' Alla. Alla huwa Sabiħ għax huwa Tajjeb, Ġust, Ħanin, u dejjem preżenti (1Għ 1:1-3). Faċli, fil-fatt, ninsew li l-mixja tal-fidi hija l-mixja fit-triq tas-sbuħija, is-sbuħija tal-fwieħa tal-liturġija li niċċelebraw fil-knejjes tagħna, is-sbuħija tal-virtujiet li aħna nippratikaw fil-ħajjiet tagħna, is-sbuħija tal-offerta u d-disponibilità tagħna nfusna għar-rieda t'Alla, u s-sbuħija tal-proxxmu tagħna li għall-bniedem t'Alla jkompli, bħallikieku taħt xbieha moħbija, il-ħidma mibdija minn Ġesù nnifsu meta sar bniedem għalina. Din is-sbuħija tal-ħajja tar-ruħ ma tibnix kastelli fl-arja, biex inkomplu mat-tema tal-ktieb. Ir-ruħ issir iżjed sabiħa għax tagħraf il-perikli u d-diżordni li jġib miegħu l-ħażen (1Għ 2:1), tagħraf ukoll li m'hemm xejn minn ħajjitha li l-ħajja tal-ispirtu ma tmissx (1Għ 2:8), tagħraf l-importanza li ssir taf iżjed lilha nnifisha għax hekk biss tista' tikber



fl-umiltà (1Għ 2:11), u tagħraf li biex nibqgħu mexjin 'il quddiem hemm bżonn ta' ġlied kontinwu kontrina nfusna (1Għ 2:14) biex nilħqu l-imħabba perfetta (1Għ 2:17).

Ir-ruħ imbagħad li tasal fit-tieni għamajjar ssib lilha nnifisha ftit aktar soda fix-xewqa tagħha li titlob. Tifhem l-importanza li ma tħarisx lura u tipprova tagħmel minn kollox biex taħrab l-okkażjoni imma għalissa, bħal tarbija tat-twelid, tħoss li għadha dgħajfa wisq biex tieqaf weħidha fuq saqajha. Il-qaddisa tgħid li r-ruħ għalissa għadha "fietla" (2Għ 5) fl-imħabba tagħha lejn Alla, sieq waħda fid-dinja u oħra fil-ħajja tal-ispirtu, għadha ma taħraqx għalih bi mħabba safja. Madanakollu, it-tama kbira f'Alla tibqa' ssuqha 'il quddiem lejn iċ-ċentru (2Għ 1-3). Għalkemm fit-tieni għamajjar titgħallem tkun aktar attenta għas-sejħat sigrieti li tirċievi mill-Għarus li jsejħilha lejh fiċ-ċentru tal-kastell (2Għ 4), issib xi jfixkilha fit-triq, bħall-vanità u l-gost li tagħti d-dinja, l-istima u r-rispett li nirċievu minn dawk ta' madwarna, u saħansitra dubji serji dwar il-penitenzi (2Għ 7). Biex tibqa' miexja, ir-ruħ fit-tieni għamajjar titgħallem tiddistingwi bejn il-pretensjonijiet tad-dinja u s-sigurtà u l-paċi li jagħti l-kastell (2Għ 10), tippersevera fil-fidi u l-proġett li daħlet għalih (2Għ 11), tfittex il-kumpanija ta' min diġà mexa 'il quddiem fil-ħajja spiritwali (2Għ 12), u tiġġieled b'kemm għandha saħħa kontra t-tentazzjonijiet (2Għ 13-15) u n-nixfa tar-ruħ (2Għ 16). Mill-ġdid, il-qaddisa taf li s-sigriet li jagħmel dan kollu possibbli huwa li r-ruħ iżżomm dejjem quddiem għajnejha lis-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, il-passjoni u l-mewt tiegħu fuq is-salib, u li kull sforz li twettaq ikun biss għalih (2Għ 20).

Ir-ruħ imbagħad tasal fit-tielet għamajjar. Hawnhekk l-ewwel tentazzjoni li ssib hija l-kburija u l-illużjoni li waslet biex tirbaħ lilha nnifisha u li mxiet 'il quddiem fil-ħajja spiritwali bil-forzi tagħha biss. Għalkemm minn barra kollox jidher f'postu, ir-ruħ tħossha ddistakkata mill-pjaċiri tad-dinja, tħossha ċerta minnha nnfisha tant li tista' tgħallem lil ta' madwarha, imma mal-inqas prova titlef il-paċi interjuri tagħha u temmen li bir-raġun kollu għandha għaliex tħossha miżerabbli (3Għ 2:1). Dan huwa punt kruċjali għar-ruħ għaliex f'ħakka t'għajn, mingħajr l-umiltà vera, tirriskja titlef dak kollu li Alla jkun għamel magħha s'issa. Fl-istess ħin, jinkoraġġina l-fatt li l-qaddisa tiftaħ qalbha magħna meta tgħid li hi wkoll tixtieq li kienet aktar qaddisa, li kieku għarfet l-għajnuna li Alla ta biex timxi 'l quddiem u tgħix aktar fl-imħabba ta' Alla (3Għ 1:4). L-eżempju li ġġib il-qaddisa biex tispjega aħjar it-tielet għamajjar huwa ż-żagħżugħ għani (Mt 19:16-22). Għalkemm kien iħares il-kmandamenti kollha, meta jistaqsi lill-Mulej x'għandu jagħmel biex jikseb il-ħajja ta' dejjem u l-Mulej iwieġbu, "Jekk trid tkun perfett, mur, bigħ il-ġid li għandek, agħtih lill-foqra, u jkollok teżor fis-sema; imbagħad ejja u imxi warajja," iż-żagħżugħ telaq b'qalbu sewda. Għaldaqstant, ir-ruħ titgħallem tistaqsi lilha nnifisha mhux biss jekk hux qiegħda twettaq dak kollu possibbli biex tersaq aktar lejn iċ-ċentru tal-kastell, imma għaliex qed tagħmel dan kollu. L-uniku mod kif ir-ruħ tista' tibqa' miexja hija billi tikber fil-ġenerożità u fl-umiltà, "idħlu fikom infuskom, uliedi, tintrabtux mal-għemejjel tagħkom, ħa jkun biżżejjed għalikom li intom qaddejja tal-Mulej" (3Għ 1:10).